

Grand Tour

# Scandinavia

**Norway, Sweden, Denmark & Finland**

- **Grupp A 15 – 29 Lulju** * **Grupp B 5 – 19 Awwissu**

**Inżuru**: **Stockholm, Helsinki, Copenhagen, Geilo, Sognefjord, Leikanger, Lom, Dalsnibba, Geiranger, Lillehammer, Oslo u Briksdal Glacier....**

**It-Tnejn**
Niltaqgħu l-ajruport internazzjonali ta' Malta fl-04.20 għall-flight LH1313 li ttir lejn Frankfurt fis-06.20 Inkomplu titjira tagħna mall-flight LH808 li twassalna **Stockholm** fit-15.05. Transfer bil-kowċ lejn iċ-ċentru ta' Stockholm, fejn se nkunu akkomodati fil- Hotel Mornington 4 star. Sistemazzjoni tal-kmamar u ħarġa mal-leader biex nibdew ingawdu din il-belt sabiħa.

**It-Tlieta**
*Buffet breakfast*, skopri magħna l-ġmiel ta' Stockholm - belt mibnija fuq għadd ta' gżejjer. Naraw il-**Katidral** fejn issir l-inkurunazzjoni tal-monarkija Żvediża, magħruf l-aktar għall-istatwa ġganteska ta' San Ġorg, is-**City Hall** (dħul *extra*) fejn issir il-premjazzjoni tal-premju Nobel, l-**Opera House**, it-**Torri Kaknäs** u **Stortorget** - l-eqdem pjazza f'din il-belt. Waranofsinhar ikollna ħin liberu għax-*shopping* u *personal sightseeing*. Filgħaxija Ċena fil- lukanda (*3 course meal* ) Wara ħarga mal-leader

**L-Erbgħa**
Ma tistax tkun Stockholm u ma żżurx il-**Palazz Drottningholm** u l-famuż **Vasa Museum**. Il-Palazz Drottningholm (dħul *extra*) huwa r-residenza privata tal-familja rjali Żvediża. Dan il-palazz imur lura għas-seklu sittax u matul is-snin għadda minn diversi kambjamenti ta' restawr. Illum dan il-palazz maestuż jattira ħafna turisti. Ikollna ħin naraw il-ġonna meraviljużi tiegħu. Wara inkomplu lejn il-**gżira ta' Djurgården** fejn inżuru l-Vasa Museum. Hawnhekk naraw ġifen li dam tliet sekli taħt il-baħar u li llum jinsab restawrat f'dan il-mużew famuż (dħul *extra*). Nimbarkaw fuq vapur mill-iżjed lussuż li jeħodna **Helsinki**. Akkomodazzjoni ta' 2 iljieli ġo kabini (*inside cabins*). Naraw *cabaret show* fin-*nightclub*. *Buffet dinner* abbord

**Il-Ħamis**
Buffet breakfast abbord. Mal-wasla tagħna f'**Helsinki** (fid-09:30), il-belt kapitali tal-Filandja, niltaqgħu ma' gwida tal-lokal biex flimkien naraw l-aqwa attrazzjonijiet turistiċi bħal **Sibelius Park** li hu *memorial* f'ġieħ l-akbar kompożitur li kellu dan il-pajjiż, l-**Olympic Stadium**, **Senate Square**, **Temppeliaukio Church** u l-**Katidral.** Ma tonqosx mawra lejn is-suq pjaċevoli li nsibu fil-port. Nirritornaw lura abbord. Ċena buffet.

**Il-Ġimgħa**
Buffet breakfast abbord. Naslu **Stockholm** fid-09.30 u nibdew il-vjaġġ tagħna bil-kowċ lejn **Copenhagen**, il-belt kapitali tad-Danimarka. Naqsmu l-pont li jgħaqqad l-Iżvezja mad-Danimarka. Dan il-pont infetaħ fis-sena 2000. Mal-wasla tagħna fil-lukanda ssir is-sistemazzjoni tal-kmamar fil-lukanda Imperial 4 *star* li tinsab fiċ-ċentru. Filgħaxija passiġġata mal-leader.

**Is-Sibt**
Illum niskopru l-belt ta' Copenhagen: belt mill-isbaħ li taffaxinnak. Flimkien mal-gwida tal-lokal naraw is-City Hall, il-Funtana Gefion, il-monument ta' Hans Christian Andersen u l-istatwa simpatika ta' Little Mermaid f'xatt il-baħar. Inżuru wkoll Christiansborg Castle (dħul extra). Wara ħin liberu għal personal sightseeing u xiri ta' souvenirs. Filgħaxija nżuru l-famuż Tivoli Gardens (entratura extra). Post ta' divertenti fejn ikun hawn att t'attivitajiet għal serata pjaċevoli.

## Il-Ħadd
Eskursjoni sabiħa lejn North Zealand. Ngħaddu minn qalb il-foresta sabiħa sa ma naslu Hillerød, fejn inżuru Frederiksborg Palace (dħul extra) li nbena mir-Re Christian IV, fl-1625. Inżuru l-ġonna meraviljużi tiegħu u nkomplu triqitna lejn Fredensborg Palace, ir-residenza sajfija tal-familja rjali. Waqfa għar-ritratti. Fl-aħħar naraw il-kastell ta' Kronborg li deher fid-dramm, Hamlet ta' William Shakespeare. Wara nibqgħu sejrin lejn il-port ta' Copenhagen biex nimbarkaw fuq il-vapur li se jwassalna Oslo fin-Norveġja. Overnight ta' lejl inside cabins u ċena buffet.

## It-Tnejn
Nitilgħu fuq il-gverta tal-bastiment sabiex ingawdu x-xenarju li jsaħħrek aħna u deħlin fil-fjord t'**Oslo**. *Buffet breakfast* abbord. Naslu Oslo fid-09.30. F'dawn il-ħames t'ijiem li ġejjin, għajnejna se jitpaxxew bil-ġmiel u s-sbuħija tal-fjords, muntanji, glaciers u kaskati. Nibdew il-vjaġġ tagħna bil-kowċ lejn **Geilo**. Akkomodazzjoni ġol-lukanda Ustedalen *3 star* u ċena *buffet*.

## It-Tlieta
Nibdew l-vjaġġ fost xenarju mill-isbaħ u li ma jaqta qatt sa ma naslu **Gudvangen**, mnejn naqbdu l-vapur (mhux inkluż) għas-**Sognefjord Cruise**. Il-vjaġġ ta' dan il-cruise jdum madwar sagħtejn u jdawwarna ma' ħafna fjords sbieħ u waterfalls nieżlin minn kullimkien. L-ewwel fjord li nivvjaġġaw fih hu dak ta' **Naerofjord,** esperjenza li ma tinsieha qatt!. Dan il-fjord hu dejjaq ħafna u l-blat tal-muntanji fil-ġenb tiegħu huwa għoli 1000 metru u jinżel vertikali sa wiċċ il-baħar, insomma, xenarju tal-ġenn li jixbaħ lil dak ta' Grand Canyon. Minn dan il-fjord ngħaddu għall-Aurland Fjord u wara għas-Sognefjord li hu l-iżjed wieħed fond. Naqsmu **Laerolsfjord** sa ma naslu **Kaupanger.** Ix-xeni li naraw matul dan il-vjaġġ huma xi ħaġa ta' l-għaġeb. Kull wieħed mill-fjords għandu l-attrazzjoni partikolari tiegħu. Inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn **Leikanger**, akkomodozzjoni Hotel Sognefjord f'Leikanger. Ċena buffet.

## L-Erbgħa


Żgur li kulħadd sema' bil-ġmiel tal-glaċieri. Għalhekk ingħaqdu magħna għal eskursjoni li teħodna fuq il-**glaċier Briksdalsbreen**. Xenarju ta' nixxiegħat u muntanji, li jsaħħrek bil-ġmiel tiegħu. Massa ta' silġ timla l-wied ta' bejn il-muntanji. Fiċ-ċerti li dawn ix-xeni flimkien ma' dawk li naraw tul il-vjaġġ tagħna bil-kowċ, m'intom se tinsewhom qatt. Mal-wasla tagħna f' **Briksdalsbreen** inħallu l-kowċ u min irid jista' jaqbad *electric car* (*extra*) li twassalna viċin il-glaċier, jew min irid jista jimxija għal esperjenza unika. Wara li ngawdu l-ġmiel li taf toffri n-natura, nirritornaw lura l-lukanda għal ċena *buffet*.

## Il-Ħamis
Ġurnata oħra ta' xenarju mill-aktar spettakolari sa ma naslu **Geiranger**. Fi triqitna ngħaddu minn toroq b'pajsaġġi pittoreski ta' għadajjar u muntanji miksija bis-silġ. L-ewwel waqfa tagħna tkun fil-villaġġ gustuż ta' **Lom** - post turistiku. Inkomplu lejn il-muntanja **Dalsnibba**, l-għola waħda fil-**Golden Route** mnejn inkunu nistgħu ngawdu spettaklu fantastiku ta' muntanji. Inkomplu lejn il-**Geirangerfjorden**. Hawnhekk it-triq hi ferm ogħla mil-livell tal-fjord li jkun taħtna. Bla dubju, wieħed mill-isbaħ belvedere huwa dak ta' **Flydalsjuvet** - b'xenarju impressjonanti u post eċċellenti mnejn wieħed jista' jieħu ritratt-kartolina. Faċli tinsa' ismu iżda żgur qatt mhu se tinsa' dak li tkun rajt! Akkomodazzjoni ġewwa Geiranger Fjord Hotel, ċena buffet.

## Il-Ġimgħa
Inkomplu ngawdu l-ġmiel li Norveġja hi msemmija għalih. Opportunita mill-isbaħ fejn ser ikollna l-okkozzjoni li nieħdu cruise mal-famuż Geiranger Fjorden, magħruf bħala – The King of Fjords. Waqt dan il-cruise ingawdu xenarju fantastiċi ta' muntanji u kaskati mill-isbaħ. Sa ma naslu Hellesylt fejn minn abbord naraw il-famuża kaskata. Nirritornaw lura Geirnager u ħin liberu. Filgħaxija ikla buffet.

## Is-Sibt
Inħallu l-villaġġ ta' Geiranger b'ħafna memorji sbieħ u nibdew il-vjaġġ tagħna lejn il-belt ta' **Oslo**, il-kapitali tan-**Norveġja**. Fi triqitna nagħmlu waqfa fil-belt ta' **Lillehammer**, inkomplu l-vjaġġ tagħna lejn Oslo. Akkomodazzjoni ġewwa l-lukanda Radisson Blu *4 Star*. Ċena 3 course fil-lukanda u wara ħarġa mal-*leader*.

Europa Tours

**Il-Ħadd**

Wara li nieħdu *buffet breakfast,* noffrulkom *city tour* bil-kowċ u gwida tal-lokal (*english speaking*) biex flimkien naraw l-aktar postijiet ta' interess. Fost oħrajn naraw it-**triq prinċipali Karl Johans**, il-**parlament**, ir-**Royal Palace**, l-**Aker Brygge**, is-**City Hall**, l-**Akershus Fortress** u l-**Vigeland Park**. Inkomplu lejn ***Bygdøy*** fejn inżuru l-**Viking Ship Museum** (*extra*) u ġewwa Holmenkollen naraw ukoll il-famuża ski jump **Holmenkollbakken**. Waranofsinhar ikollna ħin liberu għal *personal sightseeing*. Ċena fil-lukanda.

**It-Tnejn**

**Oslo / Malta**. Wara li nieħdu buffet breakfast. Transfer lejn l-ajruport **Grupp A:** Titjira LH 863 Oslo – Frankfurt 16.10 LH 1312 Naslu Malta 22.55. **Grupp B** Titjira LH 867 Oslo – Frankfurt 13.00 LH 1312 Frankfurt – Malta naslu 22.55.

**Prezz Kull Persuna**
**(Eskursjonijiet, Half Board u taxxi nklużi)**

| | **Prezz Normali** | **Prezz Skontat** |
|---|---|---|
| Kamra ta' żewġ persuni | € 2'880 | € 2'830 |
| Kamra ta' persuna waħda | € 3'400 | € 3'350 |
| Tfal sa 11 il-sena ma żewġ adulti | € 2'240 | € 2,190 |

**Prezz Jinkludi:**

- ✓ Titjira mal-Lufthansa Malta – Stockholm, Oslo – Malta via Frankfurt
- ✓ 11 il-lejl akkomodazzjoni 3 / 4 star hotels
- ✓ 3 iljieli ġo inside cabins
- ✓ Kmamar u kabini bil-faċilitajiet privati
- ✓ Buffet breakfast
- ✓ 11 il-ċena (skond il-programm)
- ✓ Transfers u l-eskursjonijiet skond il-programm (entraturi, boats mhux inklużi)
- ✓ Airport Tax u City Tax
- ✓ Tour leader ta' l-esperjenza
- ✓ Insolvency Fund Protection

Europa Tours

31 St Anne Str
Floriana FRN 9012
Tel. 21243562 - 21250526
info@europatours.org

*When you book your holiday with Europa Tours you are protected with the*

Insolvency Fund MANAGING BOARD MALTA

**Staqsi għal-kundizzjonijiet ġenerali**